# Politika tar-Reġistrazzjoni u Termini u Kundizzjonijiet għall-Applikazzjonijiet ta' l-Ismijiet ta' *Domain* magħmula waqt il-Perjodu tar-Reġistrazzjoni f'Fażi .eu

# "Regoli *Sunrise*"

# WERREJ

WERREJ 2

DEFINIZZJONIJIET 4

GĦAN U SKOP 6

KAPITOLU I ĠENERALI 7

**Taqsima 1. Rekweżiti ta' l-Eliġibbiltà** 7

**Taqsima 2. Prinċipju ta' Min Jiġi l-Ewwel, Jinqeda l-Ewwel; Rekwiżiti Tekniċi; Ismijiet Projbiti u Riservati** 7

**Taqsima 3. Obbligi ta' l-Applikant** 8

**Taqsima 4. Rappreżentazzjonijiet u Garanziji ta' l-Applikant** 8

KAPITOLU II IL-PROĊESS TA' L-APPLIKAZZJONI 9

**Taqsima 5. l-Għażla ta' Reġistratur u ta' l-Aġent tal-Maniġġ tad-Dokumenti** 9

**Taqsima 6. Notifika ta' Konferma** 9

KAPITOLU III BAŻI TAD-DATA WHOIS SUNRISE 10

**Taqsima 7. Bażi tad-Data WHOIS Sunrise** 10

KAPITOLU IV EVIDENZA DOKUMENTARJA 11

**Taqsima 8. Rekweżiti Uffiċċjali għal Evidenza Dokumentarja** 11

**Taqsima 9. Proċċessar ta' Evidenza Dokumentarja** 14

KAPITOLU V. VALIDAZZJONI TA' DRITTIJIET PREĊEDENTI 15

**Taqsima 10. Il-Proċess ta' Validazzjoni** 15

**Taqsima 11. Drittijiet Preċedenti – Ġenerali** 16

**Taqsima 12. Evidenza Dokumentarja – Rekweżiti Sustantivi Ġenerali** 16

**Taqsima 13. Trade Marks Reġistrati** 17
1. Ġenerali 17
2. Evidenza Dokumentarja għal Trade Marks Reġistrati 18

**Taqsima 14. Indikazzjonijiet Ġeografiċi u Desinjazzjonijiet ta' l-Oriġini** 18
1. Indikazzjonijiet Ġeografiċi u Desinjazzjonijiet ta' Oriġini - Ġenerali 18
2. Evidenza Dokumentarja għal Indikazzjonijiet Ġeografiċi u Desinjazzjonijiet ta' Oriġini 18

**Taqsima 15. Trade Marks Mhux Reġistrati 19**

**Taqsima 16. Ismijiet ta' Kumpanniji, Ismijiet Kummerċjali u Identifikaturi ta' Negozju 19**
1. Ismijiet ta' Kumpaniniji – Ġenerali 19
2. Ismijiet Kummerċjali – Ġenerali 20
3. Identifikaturi ta' Negozju – Ġenerali 20
4. Evidenza Dokumentarja għal Ismijiet ta' Kumpanniji 20
5. Evidenza Dokumentarja għal Ismijiet Kummerċjali u Identifikaturi ta' Negozju 20

**Taqsima 17. Ismijiet ta' Familji 21**

**Taqsima 18. Titli Distintivi ta' Xogħolijiet Litterarji u Artistiċi Protetti 21**
1. Titli Distintivi - Ġenerali 21
2. Evidenza Dokumentarja għal Titli Distintivi ta' Xogħolijiet Litterarji u Artistiċi Protetti 22

**Taqsima 19. Isem sħiħ li għalih jeżisti Dritt Preċedenti 22**

**Taqsima 20. Liċenzji, Trasferimenti u Bdil fir-rigward l-Applikant 23**

## KAPITLU VI EŻAMINAZZJONI TA' STQARRIJI TA' DRITTIJIET PREĊEDENTI, EVIDENZA DOKUMENTARJA U DEĊIŻJONIJIET MIR-REĠISTRU 24

**Taqsima 21. Eżaminazzjoni mill-Aġent tal-Validazzjoni 24**

**Taqsima 22. Deċiżjoni tar-Reġistru 24**

**Taqsima 23. Tmiem tal-Proċess tal-Validazzjoni; Proċeduri RTA Pendenti 25**

## KAPITLU VII MIXXELLANJI 25

**Taqsima 24. Modifiki, Linji Gwida, Enforzabbiltà 25**

**Taqsima 25. Limitazzjoni ta' Responsabbilità 26**

## KAPITLU VIII PROĊEDURI RTA 27

**Taqsima 26. Bidu ta' Proċeduri RTA 27**

**Taqsima 27. Proċeduri RTA Kontra d-Deċiżjoni tar-Reġistru 27**

## DEFINIZZJONIJIET

Id-definizzjonijiet imfassla 'l isfek u t-termini u l-kundizzjonijiet inklużi f'dan għandhom japplikaw għall-Applikazzjonijiet kollha magħmula waqt il-Perjodu tar-Reġistrazzjoni f'Fażi.

| | |
|---|---|
| ***Regoli ta' Riżoluzzjoni ta' Tilwim .eu*** | tfisser ir-regoli għall-proċedura tar-Riżoluzzjoni ta' Tilwim Alternattiv (RTA) imsemmija fl-Artikolu 22 tar-Regoli tal-Politika Pubblika; |
| ***Regolament .eu*** | tfisser ir-Regolament (KE) Nru 733/2002 tal-Parlament u tal-Kunsill tat-22 ta' April 2002 dwar l-implimentazzjoni tad-*Domain* ta' l-Ogħla Livell .eu, *ĠU L*, 113, 20 ta' April 2002, pp. 1-5; |
| ***Applikazzjoni*** | tfisser rikkjesta kompleta, teknikament korretta għar-reġistrazzjoni ta' Isem ta' *Domain* sottomess fir-Reġistru, li tħaresir-rekweżiti kollha li hemm provdut għalihom f'(a) Taqsima 3 ta' dawn ir-Regoli *Sunrise* u (b) fil-Linji Gwida tar-Reġistrazzjoni; |
| ***Applikant*** | tfisser persuna naturali, kumpannija, jew organizzazzjoni li qed tissottometti Applikazzjoni mar-Reġistru permezz ta' Reġistratur; |
| ***Notifika ta' Konferma*** | tfisser l-email li ntbagħtet mir-Reġistru lill-Applikant (u lill-persuna indikat mill-Applikant fl-Applikazzjoni, jekk ikun hemm) kif jirċievi Applikazzjoni; |
| ***Ittra ta' Kopertura*** | tfisser d-dokument elettroniku formattjat minn qabel li r-Reġistru jagħmel disponibbli lill-Applikant (jew lill-persuna indikat mill-Applikant fl-Applikazzjoni, jekk ikun hemm) kif ir-Reġistru jirċievi l-Applikazzjoni; |
| ***Aġent tal-Maniġġ tad-Dokument*** | Tfisser il-parti appuntata mill-Applikant skond it-taqsima 5(2), li tkun il-parti responsabbli għas-sottomessjoni ta' l-Evidenza Dokumentarja lill-Aġent ta' l-Ipproċċessar; |
| ***Evidenza Dokumentarja*** | tfisser id-dokumentazzjoni li għandha tkun fornuta minn (jew f'isem) l-Applikant lill-Aġent ta' l-Ipproċċessar, skond dawn ir-Regoli *Sunrise*; |
| ***Isem tad-Domain*** | tfisser isem ta' *domain* reġistrat direttament taħt id-*Domain* ta' l-Ogħla Livell .eu jew li għaliha saret rikjesta għar-reġistrazzjoni jew ġiet sottomessa Applikazzjoni fir-Reġistru; |

| | |
|---|---|
| ***Punti tal-Validazzjoni tal-Gvern*** | tfisser l-entitajiet appuntati skond it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 13, tar-Regoli tal-Politika Pubblika li għandhom jipprovdu għall-validazzjoni dwar l-ismijiet imsemmija fl-Artikolu 10(3) ta-Regoli tal-Paolitika Pubblika; |
| ***Perjodu ta' Reġistrazzjoni f'Fażi*** | tfisser il-perjodu ta' eba' xhur, imsemmi fil-Kapitlu IV tar-Regoli tal-Poltiika Pubblika u maħruġa skond l-istess, qabel il-bidu tar-reġistrazzjoni ġenerali ta' l-Ismijiet tad-*Domain* waqt liema detenturi ta' drittijiet preċedenti magħrufa jew stabbiliti taħt il-liġi nazzjonali u/jew tal-Komunità u Korpi Pubbliċi huma eliġibbli biex jirreġistraw Ismijiet tad-*Domain*; |
| ***Dritijiet Preċedenti*** | tfisser drittijiet preċedenti protetti mil-liġi nazzjonali u/jew tal-Komunità, kif imsemmi fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 10(1) tar-Regoli tal-Politika Pubblika; |
| ***Aġent ta' l-Ipproċċessar*** | tfisser l-Aġent tal-Validazzjoni appuntat mir-Reġistru għall-ipproċċessar ta' Evidenza Dokumentarka kif hemm deskritt fit-Taqsima 9 ta' dan; |
| ***Korpi Pubbliċi*** | Għandha t-tifsira mogħtija lilha fit-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 10(1) tar-Regoli tal-Politika Pubblika; |
| ***Regoli tal-Politika Pubblika*** | tfisser ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 874/2004 tat-28 ta' April 2004 li tfassal ir-regoli tal-politika pubblika dwar l-implimentazzjoni u l-funzjonijiet tad-*Domain* ta' l-Ogħla Livell .eu u l-prinċipji li japplikaw għar-reġistrazzjoni, *ĠU L,* 162, 30 ta' April 2004, paġni 40-50; |
| ***Reġistratur*** | tifsser persuna jew entità li, permezz ta; kuntratt mar-Reġistru, tipprovdi servizzi ta' reġistrazzjoni ta' l-ismijiet tad-*domain* lill-Applikanti; |
| ***Politika tar-Reġistrazzjoni*** | tfisser id-dokument tal-Politika tar-Reġistrazzjoni ta' l-Ismijiet tad-*Domain* disponnibbli fuq is-Sit ta' l-Internet tar-Reġistru; |
| ***Reġistru*** | tfisser EUR*id* vzw/asbl, organizzazzjoni mhux għall-profitt inkorporat kif jixraq u teżisti validament taħt il-liġijiet tal-Belġju u għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha f'Park Station, Woluwelaan 150, 1831 Diegem, il-Belġju; |
| ***Regolamenti*** | tfisser ir-Regolamenti u r-Regoli tal-Politika Pubblika .eu; |

| | |
|---|---|
| ***Regoli*** | tfisser it-Termini u l-Kundizzjonijiet, il-Politika tar-Reġistrazzjoni, ir-Regoli ta' Riżoluzzjoni ta' Tilwim, ir-Regoli *Sunrise*, il-Linji Gwida tar-Reġistrazzjoni u r-Regolamenti, li għandhom jitqiesu t-termini u l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni imsemmija fl-Artikolu 3 tar-Regoli tal-Politika Pubblika; |
| ***Regoli Sunrise*** | tfisser it-termini u l-kundizzjonijiet li jinstabu f'dan, inklużi l-Annessi ta' dan; |
| ***Termini u Kundizzjonijiet*** | tfisser it-Termini u l-Kundizzjonijiet tar-Reġistrazzjoni ta' l-Ismijiet tad-*Domain* disponnibbli fuq is-Sit ta' l-Internet tar-Reġistru; |
| ***Aġent tal-Validazzjoni*** | tfisser il-parti appuntata mir-Reġistru biex tivvalida l-Evidenza Dokumentarja ta' Drittijiet Preċedenti li stqarru l-Applikanti. |

Termini oħrajn b'ittra kbar li jintuża f'dan huma definiti fit-Termini u l-Kundizzjonijiet, fil-Politika tar-Reġistrazzjoni, fir-Regoli ta' Riżoluzzjoni ta' Tilwim .eu u/jew ir-Regolamenti.

## GĦAN U SKOP

Dawn ir-Regoli *Sunrise* fihom, flimkien mat-Termini u l-Kundizzjoniet tal-Politika tar-Reġistrazzjoni, deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri tekniċi u amminstrattivi kollha li r-Reġistru għandu japplika biex jaċċerta l-amminstrazzjoni xierqa, ġusta u teknikament soda tal-Perjodu tar-Reġistrazzjoni f'Fażi u tfassal it-termini tar-reġistrazzjoni, inklużi r-regoli bażiċi u proċeduri applikabbli għal:

(i) Applikanti li jisottomettu Applikazzjoni lir-Reġistratur;
(ii) ir-Reġistraturi;
(iii) kull parti, inklużi Aġenti tal-Maniġġ tad-Dokumenti, li jissottometti Evidenza Dokumentarja relatat ma' Applikazzjoni;
(iv) L-Aġent ta' l-Ipproċċessar, għall-ipproċċessar ta' Evidenza Dokumentarja kif imsemmi fit-Taqsima 9 ta' dan;
(v) l-Aġenti tal-Validazzjoni, waqt li jeżaminaw l-Evidenza Dokumentarja;
(vi) ir-Reġistru, meta jiddeċiedi jekk Isem ta' *Domain* għandux ikun reġistrat jew le;
(vii) Persuni fuq il-Panell li jiddeċiedu fuq Ilmenti kontra deċiżjoni tar-Reġistru biex jirreġistra Isem ta' *Domain* jew le.

Dawn ir-Regoli *Sunrise* japplikaw għall-Applikazzjonijiet kollha sottomessi waqt il-Perjodu tar-Reġistrazzjoni f'Fażi.

It-Termini u l-Kundizzjonijiet tal-Politika tar-Reġistrazzjoni japplikaw għal kull Applikazzjoni u l-Applikazzjonijiet kollha, kif ukoll għad-drittijiet u l-obbligi ta' l-Applikant u tar-Reġistru b'rigward dawn l-Applikazzjonijiet. Fl-eveniment li dawn ir-Regoli *Sunrise* huma f'konflitt ma', jikkontradixxu lil jew huma inkonsistenti mal-Politika tar-Reġistrazzjoni u/jew it-Termini u l-Kundizzjonijiet, dawn ir-Regoli *Sunrise* għandhom jieħdu preċedenza fuq il-Politika tar-Reġistrazzjoni u t-Termini u l-Kundizzjonijiet.

Iżda, il-Kapitoli V u VI ta' dawn ir-Regoli *Sunrise* ma japplikawx fejn l-Applikant huwa Entità Pubblika li qed tapplika għar-reġistrazzjoni ta' isem imsemmi fl-Artikolu 10(3) tar-Regoli tal-Politika Pubblika. Entitajiet Pubbliċi japplikaw għal dawn l-ismijiet jistgħu jkunu soġġetti għal regoli speċifiċi imposti mill-Kummissjoni Ewropea, l-Istat Membru ta' l-Applikant u/jew il-Punti tal-Validazzjoni tal-Gvern kompetenti.

## KAPITOLU I ĠENERALI

### *Taqsima 1. Rekweżiti ta' l-Eliġibbiltà*

Dawk il-persuni naturali, kumpanniji jew organizzazzjonijiet li jilħqu mill-inqas wieħed mir-rekweżiti ta' l-eliġibbiltà imfassla fl-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament .eu huma eliġibbli biex japplikaw għal Isem ta' *Domain*.

### *Taqsima 2. Prinċipju ta' Min Jiġi l-Ewwel, Jinqeda l-Ewwel; Rekwiżiti Tekniċi; Ismijiet Projbiti u Riservati*

1. Il-prinċipju ta' min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel imsemmi fl-Artikolu 2 tar-Regoli tal-Politika Pubblika waqt il-Perjodu tar-Reġistrazzjoni f'Fażi tfisser li r-Reġistru taffettwa r-reġistrazzjoni ta' Isem ta' *Domain* b'risposta ta' l-ewwel Applikazzjoni li jkun rċieva b'rispett ta' Isem ta' *Domain* (fejn id-data u l-ħin ta' l-irċevuta ta' din l-Applikazzjoni mis-sistemi tar-Reġistru hija l-unika punt ta' referenza), soġġett għal:
   (i) l-irċevuta ta' Evidenza Dokumentarja mill-Aġent ta' l-Ipproċċessar f'perjodu ta' 40 ġurnata kalendarja wara d-data ta' l-irċevuta ta' l-Applikazzjoni mir-Reġistru; u
   (ii) Validazzjoni ta' l-eżistenza tad-Dritt Preċedenti jew dritt għall-isem imsemmi fl-Artikolu 10(3) tar-Regoli tal-Politika Pubblika mitluba mill-Applikant, skond it-termini u l-kundizzjonijiet inklużi f'dan.

2. Ir-Reġistru jaċċetta biss Applikazzjonijiet għal ismijiet li jissoddisfaw ir-rekweżiti provduti fit-Taqsima 2(2) tat-Termini u l-Kundizzjonijiet. Minkejja dan, huwa possibbli biex tissottoemetti Applikazzjoni għal Isem ta' *Domain* li kien reġistrat iżda għadu mhux attivat, kif hemm provdut fit-Taqsima 22(2) ta' dan.

## *Taqsima 3. Obbligi ta' l-Applikant*

1. Applikazzjoni titqies bħala kompleta biss, meta l-Applikant jipprovdi lir-Reġistru, permezz ta' Reġistratur, b' mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

   (i) l-isem sħiħ ta' l-Applikant; fejn ma tkun speċifikata l-ebda isem tal-kumpannija jew organizzazzjoni, l-individwu li qed jitlob ir-reġistrazzjoni ta' l-Isem tad-*Domain* jitqies bħala l-Applikant; jekk l-isem tal-kumpannija jew l-organizzazzjoni hija speċifikata, il-kumpannija jew l-organizzazzjoni titqies bħala l-Applikant;
   (ii) l-indirizz u l-pajjiż ġewwa l-Komunità
      i. fejn jinstab l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post tax-xogħol prinċipali ta' l-impriża ta' l-Applikant jew
      ii. fejn l-organizzazzjoni ta' l-Applikant hija stabbilita jew
      iii. fejn jirrisjedi l-Applikant;
   (iii) l-indirizz ta' l-e-mail ta' l-Applikant (jew ir-rappreżentattiv tiegħu);
   (iv) in-numru tat-telefon fejn jista' jintlaħaq l-Applikant (jew ir-rappreżentant tiegħu);
   (v) l-Isem tad-*Domain* li għalih applika;
   (vi) il-lingwa għall-proċeduri ta' RTA;
   (vii) l-isem sħiħ li għaliha qed jinstqarr Dritt Preċedenti;
   (viii) it-tip ta' Dritt Preċedenti li qed jistqarr l-Applikant, kif imsemmi fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 10(1) tar-Regoli tal-Politika Pubblika;
   (ix) il-pajjiż li fih id-Dritt Preċedenti mistqarr huwa protett;
   (x) il-lingwa li fiha l-Evidenza Dokumentarja li għandha tiġi provduta lill-Aġent tal-Validazzjoni għandha tkun.

   L-informazzjoni imsemmija f'(viii) u (ix) ta' 'l fuq għandha titqies bħala l-bażi legali fil-liġi nazzjonali jew tal-Komunità għad-Dritt Preċedenti għall-isem mistqarr.

2. L-Isem tad-*Domain* mitlub għandu jikkosisti f'isem sħiħ li għalih jiġi mistqarr Dritt Preċedenti, iżda waqt li jittieħed akkont ta' (i) l-Artikolu 11 tar-Regoli tal-Politika Pubblika, u (ii) Taqsima 19 ta' dan.

3. Ir-Reġistru huwa intitolat biex jaqsam l-informazzjoni ta' 'l fuq ma' l-Aġent(i) tal-Validazzjoni (inklużi l-aġenti tagħhom u s-sottokuntratturi tagħhom) u/jew il-Punti tal-Validazzjoni tal-Gvern sabiex jaffettwa l-validazzjoni tad-drittijiet mistqarra.

## *Taqsima 4. Rappreżentazzjonijiet u Garanziji ta' l-Applikant*

1. Flimkien mar-rappreżentazzjonijiet u l-garanziji li jinstabu fit-Taqsima 4 tat-Termini u l-Kundizzjonijiet, l-Applikant jirrappreżenta u jiggarantixxi li:

(i) huwa s-sid, detentur ta' dritt jew liċenzjat (fejn japplika) tad-Dritt Preċedenti mistqarr;
(ii) id-Dritt Preċedenti mistqarr huwa dritt legalment validu fid-data ta' l-Applikazzjoni; u
(iii) l-Evidenza Dokumentarja li għandha tkun sottomessa lill-Aġent ta' l-Ipproċċessar għandu jkun kopji veri u ġenwini tad-dokumenti oriġinali relevanti u li għandhom jipprovdu prova ta' l-eżistenza tad-Dritt Preċedenti mistwarr, għandha tkun sħiħa, preċiża, aġġornata u mhux frodulenti, u għandha titfassal skond ir-Regoli *Sunrise*.

2. Kundizzjonijiet speċifiċi, imposti mill-Kummissjoni Ewropea, l-Istat Membru ta' l-Applikant u/jew il-Punt tal-Validazzjoni tal-Gvern kompetenti jistgħu japplikaw għal Entitajiet Pubbliċi li qegħdin jissottomettu Applikazzjoni għal isem imsemmi fl-Artikolu 10(3) tar-Regoli tal-Politika Pubblika.

## KAPITOLU II IL-PROĊESS TA' L-APPLIKAZZJONI

### *Taqsima 5. l-Għażla ta' Reġistratur u ta' l-Aġent tal-Maniġġ tad-Dokumenti*

1. Tista' ssir applikazzjoni għal Ismijiet ta' *Domain* mir-Reġistru permezz ta' Reġistratur, li jaġixxi għall-Applikant iżda f'ismu stess.

   Għalhekk, biex tiġi sottomessa Applikazzjoni, l-Applikant għandu jagħżel Reġistratur akkreditat mir-Reġistru mil-lista disponibbli fuq is-Sit ta' l-Internet tar-Reġistru

2. L-Applikant jista' jappunta Aġent tal-Maniġġ tad-Dokumenti billi jindika l-indirizz ta' l-e-mail ta' l-Aġent tal-Maniġġ tad-Dokumenti fl-Applikazzjoni.

3. Ir-Reġistru, l-Aġenti tal-Validazzjoni u l-Punti tal-Validazzjoni tal-Gvern ma humiex partijiet ta' ftehim bejn l-Applikant u r-Reġistratur tiegħu jew ta' ftehim bejn l-Applikant u l-Aġent tal-Maniġġ tad-Dokumenti tiegħu u għalhekk ma jistax jidħol f'obbligu jew responsabbiltà taħt dawn il-ftehimiet.

### *Taqsima 6. Notifika ta' Konferma*

1. Wara li tirċievi l-Applikazzjoni, ir-Reġistru jibgħat Notifika ta' Konferma lill-Applikant u lill-Aġent tal-Maniġġ tad-Dokumenti tiegħu (jekk ikun hemm) permezz ta' l-e-mail li jkun fiha:

   (i) l-Isem tad-*Domain* li għalih applika;
   (ii) id-data u l-ħin ta' l-irċevuta ta' l-Applikazzjoni mir-Reġistru;

(iii) il-pożizzjoni ta’ l-Applikazzjoni ta’ l-Applikant fl-elenku ta' l-Isem tad-*Domain* kkonċernata;
(iv) id-data aħħarija għall-irċevuta ta' l-Evidenza Dokumentarja meħtieġa mill-Aġent ta’ l-Ipproċċessar.

Din in-Notifika ta’ Konferma tintbagħat lill-indirizz ta’ l-e-mail ta’ l-Applikant, jekk inħatar Aġent tal-Maniġġ tad-Dokumenti, lill-indirizz ta’ l-e-mail ta’ l-Aġent tal-Maniġġ tad-Dokumenti. L-indirizz ta’ l-e-mail ta’ l-Aġent tal-Maniġġ tad-Dokumenit għandu jintuża mir-Reġistru għal dan il-għan biss.

2. Sakemm ma jkunx provdut mod ieħor f’dan, in-Notifika ta’ Konferma li ntbagħtet lill-Applikant (jew lill-Aġent tal-Maniġġ tad-Dokumenti, jekk ikun hemm) fih ukoll *hyperlink* għal paġna ta’ l-internet li magħmula disponnibbli mir-Reġistru fejn Ittra ta’ Kopertura formattajata minn qabel tkun ġenerata (fil-format .pdf) fil-lingwa uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea magħżula mill-Applikant waqt li jissottometti l-Applikazzjoni. Jekk l-Applikant appunta lir-Reġistratur tiegħu bħala l-Aġent tal-Maniġġ tad-Dokumenti u dak ir-Reġistratur kien awtorizzata bil-miktub mill-Aġent ta’ l-Ipproċċessar biex jissottometti Evidenza Dokumentarja elettronikament, in-Notifika ta’ Konferma ma jkollhiex din il-*hyperlink*.

## KAPITOLU III BAŻI TAD-DATA WHOIS SUNRISE

### *Taqsima 7. Bażi tad-Data* WHOIS *Sunrise*

1. Wara li tirċievi Applikazzjoni mimlija u teknikament korretta, ir-Reġistru jagħmel disponibbli l-informazzjoni relevanti b’rispett ta' l-Applikazzjoni fil-bażi tad-data WHOIS *Sunrise.* Il-Bażi tad-Data WHOIS *Sunrise* tista’ tkun fuha l-informazzjoni li ġejja għal kull Applikazzjoni li jkun rċieva r-Reġistru:

(i) l-Isem tad-*Domain* li għalih applika;
(ii) l-ordni li fiha u d-data u l-ħin ta' l-irċevuta ta' l-Applikazzjoni mir-Reġistru u l-pożizzjoni ta' l-Applikazzjoni fl-elenku għall-Isem tad-*Domain* ikkonċernat;
(iii) l-isem sħiħ ta' l-Applikant;
(iv) l-informazzjoni relevanti biex ikun ikkuntattjat l-Applikant;
(v) it-tip tad-Dritt Preċedenti mistqarr mill-Applikant;
(vi) l-isem sħiħ li għaliha qed jinstqarr Dritt Preċedenti;
(vii) il-pajjiż li fih id-Dritt Preċedenti mistqarr huwa protett;
(viii) l-ewwel qasam ta’ stat li jagħti informazzjoni dwar jekk l-Evidenza Dokumentarja wassletx għand l-Aġent ta’ l-Ipproċessar u d-data ta’ l-Evidenza Dokumentarja (fejn japplika);
(ix) it-tieni qasam ta’ stat li jagħti informazzjoni dwar jekk ir-Reġistru ħa deċiżjoni biex jirreġistra l-Isem tad-*Domain* fl-isem ta’ l-Applikant u, jekk ittieħdet deċiżjoni, ir-riżultat ta’ dik id-deċiżjoni;

(x) it-tielet qasam ta’ stat li jindika, sa fejn ikun jaf ir-Reġistru, jekk proċeduri ġudizzjarji jew mhux ġudizzjarji huma pendenti rigward l-imsemmi Isem ta’ *Domain*
(xi) il-lingwa magħżula għall-Proċeduri RTA.

2. Fil-qasam ta’ l-istat imsemmi fit-Taqsima 7(1)(viii) ta’ 'l fuq, tkun imsemmija d-data ta’ l-irċevuta ta’ l-Evidenza Dokumentarja (jekk japplika).

L-indikazzjoni li l-Aġent ta’ l-Ipproċċessar rċeviex l-Evidenza Dokumentarja ma għandhiex tinftiehem li timplika li l-Evidenza Dokumentarja tħares l-kondizzjonijiet imfassla f’dan ir-Regoli *Sunrise.*

3. Huwa l-obbligu ta’ l-Aġent ta’ l-Ipproċċessar biex jinforma lir-Reġistru ta’ xi bdil fl-istat wara li l-Aġent ta’ l-Ipproċċessar jirċievi l-ewwel sett ta’ Evidenza Dokumentarja relatata ma’ Applikazzjoni partikolari, f'perjodu ta’ żmien raġenevoli. L-ebda kommunikazzjoni oħra ma tingħata mill-Aġent ta’ l-Ipproċċessar dwar jekk ikun rċeviex l-Evidenza Dokumentarja u d-data ta’ l-irċevuta ta' l-istess.

Il-Bażi tad-data WHOIS *Sunrise* hija l-unika punt ta’ referenza biex tivverifika jekk l-Aġent ta’ l-Ipproċċessar rċeviex l-Evidenza Dokumentarja.

4. B’rispett tal-qasam ta’ listat imsemmi fit-Taqsima 7(1)(ix) ‘l fuq, jistgħu jingħataw l-istati li ġejjin:

(i) Inizjat;
(ii) Isem tad-*Domain* reġistrat iżda mhux attivat;
(iii) Isem id-*Domain* reġistrat u attivat;
(iv) Applikazzjoni riġettata;
(v) Skaduta (l-ebda Evidenza Dokumentarja jew Evidenza Dokumentarja li ma tħarisx ir-regoli ma ġiet irċevuta fiż-żmien stipulat);
(vi) Skaduta (għax l-ebda deċiżjoni ma ngħatata mill-Punt tal-Validazzjoni tal-Gvern f’perjodu ta’ 90 jum tal-kalendarju wara t-talba tar-Reġistru biex l-Evidenza Dokumentarja tkun validata);
(vii) Ma kienx kkunsidrat (minħabba r-reġistrazzjoni u l-attivazzjoni ta’ Isem ta’ *Domain* f’isem Applikant ieħor).

L-istat "Inizjat” huwa l-istat ta’ mankanza għal kull Applikazzjoni. It-tibdiliet kollha fl-istat huma r-responsabbiltà esklussiva tar-Reġistru.

## KAPITOLU IV EVIDENZA DOKUMENTARJA

### *Taqsima 8. Rekweżiti Uffiċċjali għal Evidenza Dokumentarja*

1. Fuq il-paġna ta' l-internet indikat mir-Reġistru fil-*hyperlink* imsemmi fit-Taqsima 6(2) ta' dan, l-Applikant

   (i) huwa mitlub li jinforma lir-Reġistru bin-numru ta' paġni li l-Evidenza Dokumentarja tiegħu fiha; u
   (ii) għandu l-għażla li jagħżel lingwa uffiċċjali ta' l-Unjoni Ewropea differenti minn dik magħżula mir-Reġistratur meta ssottometta l-Applikazzjoni għall-Ittra ta' Kopertura lir-Reġistru.

2. Kif jirċievi din l-informazzjoni, ir-Reġistru jagħmel Ittra ta' Kopertura elettronika fil-format ta' .pdf disponibbli, li fih mill-inqas is-segwenti informazzjoni:

   (i) l-isem u l-indirizz ta' l-Aġent ta' l-Ipproċċessar;
   (ii) l-informazzjoni segwenti, maħruġ mill-Bażi tad-data WHOIS *Sunrise*:
      (a) l-Isem tad-*Domain* li għalih applika;
      (b) l-isem sħiħ ta' l-Applikant;
      (ċ) l-informazzjoni relevanti biex ikun ikkuntattjat l-Applikant;
      (d) it-tip tad-Dritt Preċedenti mistqarr mill-Applikant;
      (e) il-pajjiż li fih id-Dritt Preċedenti mistqarr huwa protett;
      (f) l-isem sħiħ li għaliha qed jinstqarr Dritt Preċedenti mill-Applikant;
      (g) il-lingwa li fiha l-Evidenza Dokumentarja li għandha tiġi provduta lill-Aġent tal-Validazzjoni għandha tkun;
      (h) Id-data ta' l-irċevuta ta' l-Applikazzjoni mir-Reġistru;
      (i) kodiċi ta' bar unika.

3. L-Applikant jew l-Aġent tal-Maniġġ tad-Dokumenti tiegħu għandhom jinħtieġu li:

   (i) jistampa l-Ittra ta' Kopertura ġenerata fuq is-sit ta' l-internet tar-Reġistru;
   (ii) jindika fuq l-Ittra ta' Kopertura l-lingwa uffiċċjali li fiha l-Evidenza Dokumentarja qed tkun sottomessa fejn din l-Evidenza Dokumentarja hija sottomessa f'lingwa uffiċċjali ta' l-Unjoni Ewropea differenti mil-lingwa magħżula fl-Applikazzjoni. Fil-każ li tintagħżel lingwa uffiċċjali oħra fl-Ittra tal-Kopertura, kull Evidenza Dokumentarja u l-Evidenza Dokumentarja kollha sottomessa għandha tkun fil-lingwa magħżula fl-Ittra tal-Kopertura;
   (iii) jiffirma l-Ittra tal-Kopertura;
   (iv) Jipprovdi l-Evidenza Dokumentarja relevanti imsemmija fil-Kapitolu V; u
   (v) jikteb l-inizjali tiegħu fuq l-imsemmija Evidenza Dokumentarja.

Sakemm ma jkunx provdut espressament mod ieħor f'dan, ma huwiex permessibbli biex issir bdil tal-kliem ta' l-Ittra tal-Kopertura; l-Evidenza Dokumentarja sottomessa mingħajr Ittra ta' Kopertura jew b'Ittra ta'

Kopertura mmodifikata jew b'Ittra ta' Kopertura mhix iffirmata għandha tkun riġettata, bl-eċezzjoni meta l-Evidenza Dokumentarja tkun sottomessa elettronikament mir-Reġistratur (f'liema każ l-ebda Ittra ta' Kopertura ma għandha tkun sottomessa lill-Aġent ta' l-Ipproċċessar).

4. Evidenza Dokumentarja f'lingwa differenti mil-lingwa magħżula skond dawn ir-Regoli *Sunrise* ma għandhom ikunu kkunsidrati. Jekk xi Evidenza Dokumentarja ma tkunx fil-lingwa uffiċċjali magħżula mill-Applikant, għandha tkun akkompanjata b'traduzzjoni minn traduttur ċertifikat fil-lingwa magħżula fl-Applikazzjoni jew fl-Ittra ta' Kopertura, skond il-każ.

5. L-Ittra ta' Kopertura iffirmata kif jixraq u l-Evidenza Dokumentarja provduta magħha għandha tintbagħat fl-indirizz indikat fl-Ittra tal-Kopertura. Dokumenti mibgħuta lil kull indirizz differenti mill-indirizz indikat fl-Ittra tal-Kopertura ma għandhomx ikunu kkunsidrati.

L-Evidenza Dokumentarja trid tintbagħat bil-posta normali, bil-posta reġistrata jew bil-wasla rikordjata jew permezz ta' kurjer.

Mhux permess li titrasmetti Evidenza Dokumentarja b'kull mezz differenti minn dawk deskritti fit-Taqsima 8(5) (per eżempju bil-fax jew bl-e-mail), ħlief permezz tar-Reġistratur li huwa awtorrizzat bil-miktub mill-Aġent ta' l-Ipproċċessar biex jissottometti Evidenza Dokumentarja elettronikament lill-Aġent ta' l-Ipproċċessar.

L-Evidenza Dokumentarja għandha tkun rċevuta mill-Aġent ta' l-Ipproċċessar f'perjodu ta' erbgħin (40) jum tal-kalendarju wara l-irċevuta ta' l-Applikazzjoni mir-Reġistru, jekk dan ma jseħħx l-Applikazzjoni titqies li skadiet.

L-Evidenza Dokumentarja tista' tkun rċevuta mill-Aġent ta' l-Ipproċċessar bejn it-08.00 u 17.00 (ħin tal-Belġju) f'ġranet tax-xogħol ġenerali fil-Belġju. Biex tevita d-dubji, Sibtijiet, Ħdud u festi pubbliċi fil-Belġju ma jitqiesux bħala ġranet tax-xogħol ġenerali fil-Belġju.

Bħala konsegwenza ta' dan, f'każ li l-perjodu ta' erbgħin jum imsemmi fir-raba' paragrafu ta' l-Artikolu 14 tar-Regoli tal-Politika Pubblika jiskadi nhar ta' Sibt, nhar ta' Ħadd jew fuq festa pubblika fil-Belġju, l-Eviddenza Dokumentarja li ma tkunx waslet fuq l-aħħar ġurnata ta' xogħol ġenerali fil-Belġju qabel dakinhar ta' Sibt, Ħadd jew festa pubblika fil-Belġju titqies li ma wasletx sad-data ta' l-iskadenza.

6. L-Ittra ta' Kopertura mibgħuta minn jew f'isem l-Applikant u l-Evidenza Dokumentarja mibgħuta magħha trid tħares ir-rekweżiti li ġejjin:

   (i) Kull Applikazzjoni għandha tkun appoġġata minn sett wieħed (1) ta' Evidenza Dokumentarja; ma huwiex permessibbli li

tikkombina settijiet ta’ Evidenza Dokumentarja differenti għal Applikazzjonijiet differenti fl-istess pakkett jew envelop;
(ii) id-daqs tal-karti għandhom ikunu fil-format DIN A4 (29.7 ċm x 21 ċm) jew Ittra (27.94 ċm x 21.59 ċm);
(iii) Dokumenti għandhom ikunu stampati fuq karta bajda mhux trasparenti;
(iv) il-folji għandhom ikunu numerati konsekuttivament, jibdew minn paġna nru. 1, mingħajr ma tkun inkluża l-Ittra ta’ Kopertura;
(v) il-karta trid tkun stampata fuq naħa waħda biss;
(vi) Dokumenti għandhom jinqraw minn persuni meta jkunu skanjati;
(vii) l-Evidenza Dokumentarja ma għandhiex tkun rranġata jew mbiddla f’xi mod ieħor.
(viii) folji ta’ karti ma għandhomx ikunu mirwija, stapiljati, inkollati jew mwaħħla flimkien bl-ebda mod ieħor.

Hija r-responsabbiltà esklussiva ta’ l-Applikant biex jassigura li dawn ir-rekweżiti jitħarsu. Evidenza Dokumentarja mibgħuta lill-Aġent ta’ l-Ipproċċessar minn terzi persuni fl-isem u fuq il-parti ta’ l-Applikant jitqiesu li ntbagħtu mill-Applikant.

7. L-Aġent ta’ l-Ipproċċessar mhux obbligat li jipproċessa jew jikkonsidra ebda informazzjoni jew dokumentazzjoni li tkun rċevuta li ma tħarisx ir-rekweżiti kollha provduti fit-Taqsima 8(6) ‘l fuq.

Ir-Reġistru u l-Aġent ta’ l-Ipproċċessar ma humiex obbligati li jinformaw lill-Applikant jekk l-Evidenza Dokumentarja ħarsitx jew le uħud mir-rekweżiti jew ir-rekweżiti kollha msemmija f’din it-Taqsima.

8. L-ebda kommunikazzjoni jew konferma mill-Aġent ta’ l-Ipproċċessar u/jew ir-Reġistru li rċevew l-Evidenza Dokumentarja ma għandha tinftiehem li timplikaa li l-informazzjoni provduta minn (jew f’isem l-Applikant) tħares il-kundizzjonijiet imfassla f'dan il-Kapitolu.

## *Taqsima 9. Proċċessar ta’ Evidenza Dokumentarja*

1. Wara li l-Aġent ta’ l-Ipproċċessar jirċievi l-Ittra ta’ Kopertura flimkien ma’ l-Evidenza Dokumentarja sottomess lilu, l-Aġent ta’ l-Ipproċċessar għandu:

(i) jittimbra l-Evidenza Dokumentarja bid-data ta’ meta rċeviha;
(ii) jiskenja l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni li rċieva sakemm l-Aġent ta’ l-Ipproċċessar ma jkunx rċieva l-Evidenza Dokumentarja f’forma elettronika minn Reġistratur awtorrizzat bil-miktub mill-Aġent ta’ l-Ipproċċessar biex jipprovdi Evidena Dokumentarja f’format elettronika.

2. Ir-Reġistru u l-Aġent ta’ l-Ipproċessar huma intitolati, għad-diskrezzjoni tagħhom biss, li ma jikkunsidrawx xi informazzjoni jew

dokumentrazzjoni li rċevew fejn l-Aġent ta' l-Ipproċċessar kien diġa rċieva sett ta' Evidenza Dokumentarja relatata ma' l-istess Applikazzjoni; iżda l-Aġent ta' l-Ipproċċessar jista', permezz tar-Reġistru, jitlob lill-Applikant sett ġdid ta' Evidenza Dokumentarja jekk l-Evidenza Dokumentarja oriġinali li rċieva ġġarbet xi dannu jew inqerded aċċidentalment waqt jew wara t-trasmissjoni ta' l-istess.

3. L-Aġent ta' l-Ipproċċessar jinforma lir-Reġistru bid-data li rċieva kull sett ta' Evidenza Dokumentarja, apparti settijiet li rċieva kif imsemmija fit-Taqsima 9(2), 'l fuq; din l-informazzjoni hija provduta fil-manjiera miftehma bejn ir-Reġistru u l-Aġent ta' l-Ipproċċessar.

4. Mhux possibbli għall-Applikant biex jispezzjona l-Evidenza Dokumentarja wara li l-Aġent ta' l-Ipproċċessar ikun irċeviha.

   L-Applikant jgħaraf u jaqbel li l-Evidenza Dokumentarja li jkun rċieva l-Aġent ta' l-Ipproċċessar jsir il-propjetà ta' l-Aġent ta' l-Ipproċċessar biss; u la r-Reġistru u l-anqas l-Aġent ta' l-Ipproċċessar ma għandhom jirritornaw xi Evidenza Dokumentarja lill-Applikant, lir-Reġistratur jew lil xi persuna oħra maħtur mill-Applikant.

5. Ir-Reġistru u l-Aġent ta' l-Ipproċċessar għandhom jikxfu Evidenza Dokumentarja sa fejn jkun meħtieġ minn qorti tal-ġuridizzjoni kompetenti, jew minn kull awtorità governattiva jew regolatorja, jew fejn hemm obbligu jew rekweżit legali biex dan isir. Barra minn hekk, l-Evidenza Dokumentarja għandha tinkixef fil-format elettronika minn jew fuq l-istruzzjonijiet tar-Reġistru waqt li qed jaġixxi bħala intimat f'Proċedura ta' RTA fil-kuntest ta' llmenti kontra deċiżjoni tar-Reġistru.

## KAPITOLU V. VALIDAZZJONI TA' DRITTIJIET PREĊEDENTI

### *Taqsima 10. Il-Proċess ta' Validazzjoni*

1. Fuq l-istruzzjonijiet mir-Reġistru, l-Aġent tal-Validazzjoni jivvalida jekk l-Evidenza Dokumentarja jappoġġa l-istqarrija ta' Dritt Preċedenti ta' l-Applikant fl-Applikazzjoni.

2. L-Aġent tal-Validazzjoni jeżamina l-Evidenza Dokumentarja għal Ismijiet ta' *Domain* identiċi fl-ordni li r-Reġistru rċieva l-Applikazzjonijiet, skond il-proċedurea mfassla fl-Artikolu 14 tar-Regoli tal-Politika Pubblika.

   Għal Ismijiet ta' *Domain* mhux identiċi, l-Aġent tal-Validazzjoni jista' – għal raġunijiet ta' effiċenza – jiddetermina l-ordni li fiha l-Evidenza Dokumentarja tkun eżaminata kif hi tqis xieraq, u jiddipendi fuq, per eżempju,

(i) in-numru ta' l-Applikazzjonijiet li rċieva għal Ismijiet ta' *Domain* mhux identiċi,
(ii) il-lingwi li fihom tkun provduta l-Evidenza Dokumentarja għal Diversi Applikazzjonijiet,
(iii) il-ħin u r-riżorsi meħtieġa għall-validazzjoni attwali ta' l-eżistenza ta' Drittijiet Preċedenti fuq il-bażi ta' l-Evidenza Dokumentarja prodotta.

Aġenti tal-Validazzjoni huma sottokuntratturi ta-Reġistru, li hija l-unika parti awtorrizzata li tiddeċiedi jekk l-Isem tad-*Domain* għandux ikun reġistrat fl-isem ta' l-Applikant.

### *Taqsima 11. Drittijiet Preċedenti – Ġenerali*

1. Waqt l-ewwel fażi tal-Perjodi tar-Reġistrazzjoni f'Fażi, l-Ismijiet ta' *Domain* li jikkorrispondu għal

   (i) *trade marks* reġistrati tal-Komunità jew nazzjonali jew
   (ii) indikazzjonijiet ġeografiċi jew destinazzjonijiet ta' l-oriġini

   biss jistgħu japplikaw għalihom mid-detentur u/jew mil-liċenzjat (fejn japplika) tad-Dritt Preċedenti kkonċernat, mingħajr preġudizzju ta' l-ismijiet li jistgħu jkunu applikati għal Entitajiet Pubbliċi, kif hemm riferit għalihom fl-Artikolu 10(3) tar-Regoli tal-Politika Pubblika.

2. Waqt it-tieni fażi tal-Perjodi tar-Reġistrazzjoni f'Fażi, l-Ismijiet ta' *Domain* li jikkorrispondu għal

   (i) it-tipi tad-Drittijiet Preċedenti elenkati fit-Taqsima 11(1), 'l fuq jew
   (ii) tipi oħrajn ta' Drittijiet Preċedenti

   jistgħu japplikaw għalihom mid-detentur tad-Dritt Preċedenti kkonċernat.

3. L-Applikant għandu jkun id-detentur (jew liċenzjat, fejn japplika) tad-Dritt Preċedenti mhux aktar tard mid-data li fiha r-Reġistru jkun rċieva l-Applikazzjoni, fuq liema data id-Dritt Preċedenti għandu jkun validu, li jfisser li jrid ikun kollu fis-seħħ u fl-effett.

### *Taqsima 12. Evidenza Dokumentarja – Rekweżiti Sustantivi Ġenerali*

1. Sakemm ikun provdut mod ieħor taħt it-Taqsimiet 13 sa 18 ta' dawn ir-Regoli *Sunrise* l-Applikant għandu jissottometti Evidenza Dokumentarja li fiha

   (i) affidavit iffirmata minn awtorità kompetenti[1], prattikant legali jew rappreżentant professjonali[2] u li jiddikkjara li t-tip tad-Dritt

Preċedenti mistqarr mill-Applikant huwa protett taħt il-liġijiet ta' l-Istat Membru Relevanti, inkluż

a. referenzi għad-disposizzjonijiet relevanti legali, xogħolijiet ta' awturi u deċiżjonijiet tal-qrati u
b. il-kundizzjonijiet meħtieġa għal din il-protezzjoni; u

(ii) provi li l-isem sħiħ li għaliha qed jistqarr Dritt Preċedenti jħares il-kundizzjonijiet kollha imfassla f'dawn il-liġijiet, inklużi x-xogħoljiet ta' awturi u deċiżjonijiet tal-qrati relevanti, u li l-istess isem huwa protett mid-Dritt Preċedenti relevanti mistqarr.

2. F'kull każ huwa biżżejjed li wieħed jissottometti kopja tas-sentenza finali relevanti minn qorti jew deċiżjoni ta' arbitraġġ ta' entità ta' riżoluzzjoni ta' tilwim alternattiv uffiċċjali kompetenti f'mill-inqas Stat Membru wieħed li jgħid li l-Applikant għandu l-protezzjoni għall-isem sħiħ li għalih qed jistqarr Dritt Preċedenti.

3. Jekk, taħt il-liġi ta' l-Istat Membru relevanti, l-eżistenza ta' Dritt Preċedenti mistqarr huwa soġġett għal ċerti kundizzjonijiet minħabba l-isem ikun famuż, magħruf sewwa, pubblikament jew ġeneralment magħruf, għandu ċertu reputazzjoni, *goodwill* jew użu, jew affarijiet simili, l-Applikant għandu jissottometti ukoll

(i) affidavit iffirmat minn awtorità kompetenti, prattikant legali, jew rappreżentant professjoniali, akkompanjat bid-dokumentazzjoni li jappoġġa l-affidavit jew
(ii) sentenza finali relevanti minn qorti jew deċiżjoni ta' arbitraġġ ta' entità ta' riżoluzzjoni ta' tilwim alternattiv uffiċċjali kompetenti f'mill-inqas Membru Stat wieħed

li jgħid li l-isem li għalih qed jistqarr Dritt Preċedenti jissodisfa l-kundizzjonijiet provduti fil-liġi (inkluż deċiżjonijiet tal-qrati relevanti, xogħolijiet ta' awturi u dawk il-kundizzjonijiet li jistgħu jkunu msemmija fl-Anness 1 (jekk hemm)) ta' l-Istat Membru relevanti relatat mat-tip tad-Dritt Preċedenti kkonċernat.

4. Kull affidavit sottomess skond dan il-Kapitolu għandu juri b'mod ċar jew jinkludi evidenza li l-firmatarju jikkwalifika bħala awtorità kompetenti, prattikant legali jew rappreżentant professjonali, kif hemm imsemmi fil-paragrafi preċedenti ta' din it-Taqsima.

### *Taqsima 13. Trade Marks Reġistrati*

*1. ĠENERALI*

(i) Fejn id-Dritt Preċedenti mistqarr minn Applikant huwa *trade mark* reġistrat, it-*trade mark* għandu jkun reġistrat minn uffiċċju ta' trade mark f'wieħed mill-Istati Membri, l-Uffiċċju tat-*Trade Marks* tal-Benelux jew l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni tas-Suq Intern (OHIM), jew għandu

jkun reġistrat internazzjonali u tkun inkisbet protezzjoni f'mill-inqas Stat Membru wieħed ta' l-Unjoni Ewropea.

(ii) Applikazzjoni għal *trade mark* ma titqiesx bħala Dritt Preċedenti.

*2. EVIDENZA DOKUMENTARJA GĦAL TRADE MARKS REĠISTRATI*

Sakemm ma jkunx provdut haġa oħra fl-Anness 1 ta' dan, huwa suffiċjenti li tissottometti l-Evidenza Dokumentarja li ġejja għal *trade mark* reġistrata:

(i) kopja ta' dokument uffiċċjali maħruġ mill-uffiċċju tat-*trade marks* kompetenti li jindika li t-*trade mark* huwa reġistrat (ċertifikat ta' reġistrazzjoni, ċertifikat ta' tiġdid, estratt uffiċċjali mir-reġistru, dikjarazzjoni mill-uffiċċju tat-*trade marks,* pubblikazzjonni tal-fatt tar-reġistrazzjoni f'ġurnal uffiċċjali, eċċ.); jew

(ii) estratt minn bażi tad-data uffiċċjali (fuq l-internet) operat u/jew amministrat mill-uffiċċju tat-*trade marks* nazzjonali relevanti, l-Uffiċċju tat-Trade Marks tal-Benelux, l-OHIM jew il-WIPO. Estratti minn banki tad-data kummerċjali ma humiex aċċettabbli anke jekk jipproduċu b'mod eżatt l-istess informazzjoni bħall-estratti uffiċċjali.

Fil-każijiet preċedenti, l-Evidenza Dokumentarja għandha turi b'mod ċar li l-Applikant huwa s-sid rapportat tat-*trade mark* reġistrata.

Fil-każ li l-Applikant huwa liċenzjat ta' *trade mark* reġistrata jew *trade mark* reġistrata ġiet trasferita lilu kif hemm riferit għalih fit-Taqsima 13(1) 'l fuq, it-Taqsima 20 ta' dan għandu japplika.

## *Taqsima 14. Indikazzjonijiet Ġeografiċi u Desinjazzjonijiet ta' l-Oriġini*

*1. INDIKAZZJONIJIET ĠEOGRAFIĊI U DESINJAZZJONIJIET TA' ORIĠINI - ĠENERALI*

Jekk id-Dritt Preċedenti mistqarr minn Applikant hija indikazzjoni ġeografika jew desinjazzjoni ta' oriġini, l-indikazzjoni ġeografika jew desinjazzjoni ta' l-orġini għandha tkun protetta f'mill-inqas wieħed mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

*2. EVIDENZA DOKUMENTARJA GĦAL INDIKAZZJONIJIET ĠEOGRAFIĊI U DESINJAZZJONIJIET TA' ORIĠINI*

Sakemm ma jkunx provdut haġa oħra fl-Anness 1 ta' dan, huwa suffiċjenti li tissottometti l-Evidenza Dokumentarja għall-indikazzjoni ġeografika jew desinjazzjoni ta' oriġini:

(i) kopja ta' att, digriet jew deċiżjoni ta' l-awtorità uffiċċjali kompetenti li qed tagħti protezzjoni fuq isem partikolari bħala indikazzjoni ġeografika jew desinjazzjoni ta' l-oriġini; jew
(ii) kopja tal-pubblikazzjoni uffiċċjali ta' att, digriet jew deċiżjoni imsemmi fl-(i) 'l fuq; jew
(iii) estratt mir-reġistru relevanti (jekk ikun disponibbli).

Din l-Evidenza Dokumentarja għandha tindika b'mod ċar li l-isem għal liema qed jkun mistqarr Dritt Preċedenti hija indikazzjoni ġeografika jew desinjazzjoni ta' oriġini li għaliha l-Applikant huwa d-detentur.

## *Taqsima 15. Trade Marks Mhux Reġistrati*

Jekk Applikant jistqarr Dritt Preċedenti għal isem fuq il-bażi ta'

(i) *trade mark* mhux repistrat magħruf sewwa kif hemm provdut għalih fl-Artikolu 6*bis* tal-Konvenzjoni ta' Pariġi dwar il-Protezzjoni tal-Propjetà Industrijali (kif emendat), jew
(ii) *trade mark* mhux reġistrat differenti minn wieħed li jaqa' taħt (i) 'l fuq li huwa protett taħt liġi ta' wieħed mill-Istati Membri imsemmi fl-Anness 1 bħala Stat Membru li jipproteġi *trade marks* mhux reġistrati,

Huwa suffiċjenti li turi l-eżistenza ta' dan id-Dritt Preċedenti skond it-Taqsimiet 12(2) jew 12(3) ta' dan, mingħajr ma jkun hemm obbligu li tipprovdi Evidenza Dokumentarja imsemmija fit-Taqsima 12(1).

## *Taqsima 16. Ismijiet ta' Kumpanniji, Ismijiet Kummerċjali u Identifikaturi ta' Negozju*

### *1. Ismijiet ta' Kumpaniniji – Ġenerali*

Isem ta' kumpannija huwa l-isem uffiċċjali ta' kumpannija, jiġifieri l-isem taħt liema il-kumpannija hija inkorporata jew taħt liema l-kumpannija hija reġistrata. Fl-Istati Membri fejn ma teżisti l-ebda protezzjoni ta' l-isem tal-kumpannija, l-isem tal-kumpannija tista' tkun protetta bħala isem ta' negozju (kif imsemmi fit-Taqsima 16(2)) jew bħala identifikatur ta' negozju (kif imsemmi fit-Taqsima 16(3)).

Jekk Applikant jistqarr Dritt Preċedenti għal isem fuq il-bażi ta' isem ta' kumpannija protett taħt liġi ta' wieħed mill-Istati Membri imsemmija fl-Anness 1 bħala Stat Membru li jipproteġi l-ismijiet tal-kumpanniji, ikun biżżejjed li turi l-eżistenza ta' dan id-Dritt Preċedenti skond it-Taqsima 16(4) 'l isfel.

## 2. *ISMIJIET KUMMERĊJALI – ĠENERALI*

Peress li l-ismijiet kummerċjali huma protetti fl-Istati Membri kollha ta' l-Unjoni Ewropea, jkun suffiċjenti li tipprovdi l-Evidenza Dokumentarja imsemmija fit-Taqsima 16.5 'l isfel lill-Aġent tal-Validazzjoni.

## 3. *IDENTIFIKATURI TA' NEGOZJU – ĠENERALI*

Jekk Applikant jistqarr Dritt Preċedenti għal isem fuq il-bażi ta' identifikatur ta' negozju protett taħt liġi ta' wieħed mill-Istati Membri imsemmija fl-Anness 1 bħala Stat Membru li jipproteġi dawn l-identifikaturi tan-negozju, ikun biżżejjed li turi l-eżistenza ta' dan id-Dritt Preċedenti skond it-Taqsima 16(5) 'l isfel.

## 4. *EVIDENZA DOKUMENTARJA GĦAL ISMIJIET TA' KUMPANNIJI*

Sakemm ma jkunx provdut mod ieħr fl-Anness 1 ta' dan, għandu jkun suffiċjenti li tissottoemetti l-Evidenza Dokumentarja segwenti għal ismijiet ta' kumpanniji imsemmija fit-Taqsima 16(1):

(i) estratt mir-reġistru tal-kumpanniji jew mir-reġistru kummerċjali relevanti;
(ii) ċertifikat ta' inkorporazzjoni jew kopja ta' notifika ppubblikata ta' l-inkorporazzjoni jew bidla fl-isem tal-kumpannija fil-ġurnall uffiċċjali jew il-gazzetta tal-gvern; jew
(iii) dikjarazzjoni ffirmata (per eżempju ċertifikat ta' *good standing*) mir-reġistru tal-kumpanniji uffiċċjali jew mir-reġistru kummerċjali uffiċċjali, minn awtorità pubblik kompetenti jew nutar pubbliku.

Din l-Evidenza Dokumentarja għandu jindika b'mod ċar li l-isem li għaliha d-Dritt Preċedenti hija mistqarra huwa l-isem uffiċċjali tal-kumpannija, jew wieħed mill-ismijiet uffiċċjali tal-kumpanniji ta' l-Applikant.

## 5. *EVIDENZA DOKUMENTARJA GĦAL ISMIJIET KUMMERĊJALI U IDENTIFIKATURI TA' NEGOZJU*

Sakemm ma jkunx provdut mod ieħor fl-Anness 1 ta' dan, jkun suffiċċjenti biex tissottometti l-Evidenza Dokumentarja s-segwenti għal ismijiet kummerċjali u identifikaturi ta' negozju imsemmija fit-Taqsima 16(2) u 16(3) rispettivament:

(i) fejn hija obbligatorja u/jew possibbli li tirreġistra l-isem kummerċjali jew l-identifikatur ta' negozju f'reġistru uffiċċjali (fejn teżisti reġistru bħal dan fl-Istat Membru fejn jinstab in-negozju):

a. estratt mir-reġistru uffiċċjali, li ssemmi d-data fuq liema l-isem kummerċjali kien reġistrati; u
b. prova ta' użu fil-pubbliku ta' l-isem kummerċjali jew l-identifikatur ta' negpzju qabel id-data ta' l-Applikazzjoni (bħal, iżda mhux limitat għal, prova ta' volumi ta' bejgħ, kopji ta' avviżi jew materjali promozzjonali, fatturi fuq liema l-isem kummerċjali jew l-identifikatur tan-negozju huwa msemmi eċċ., li jipprova użu fil-pubbliku ta' l-isem fl-Istat Membru relevanti);

(ii) fejn ir-reġistrazzjoni ma hijiex obbligatorja, l-Evidenza Dokumentarja msemmija fit-Taqsima 12(3) ta' dan.

L-Evidenza Dokumentaraj għall-isem kummerċjali jew l-identifikatur ta' negozju għandu jindika b'mod ċar li l-isem li qed tinstqarr Dritt Preċedenti huwa l-isem tal-kummerċ jew l-identifkatur ta' negozju ta' l-Applikant.

## *Taqsima 17. Ismijiet ta' Familji*

1. Jekk Applikant jistqarr li għandu Dritt Preċedenti għal isem fuq bażi ta' isem kummerċjali, identifikatur ta' negozju jew isem ta' kumpannija li tikkorrespndi ma' isem ta' familja, għandu jagħżel it-tip ta' Dritt Preċedenti imsejjaħ "l-isem kummerċjali, identifikatur ta' negozju jew isem il-kumpannija" fl-Applikazzjoni tiegħu u jipprovdi l-evidenza ta' l-imsemmi Dritt Preċedenti skond it-Taqsimiet 16(4) u 16(5) rispettivament.

2. Jekk Applikant jsitqarr Dritt Preċedenti għal isem fuq il-bażi ta' l-isem tal-familja tiegħu, sakemm huwa protett mill-Istat Membru ta' fejn huwa residenti, għandu jagħżel it-tip "ieħor" ta' Dritt Preċedenti fl-Applikazzjoni tiegħu u għandu jipprovdi evidenza ta' l-eżistenza ta' l-imsemmi Dritt Preċedenti skond it-Taqsimiet 12(1) jew (2) ta' dan.

## *Taqsima 18. Titli Distintivi ta' Xogħolijiet Litterarji u Artistiċi Protetti*

*1. Titli Distintivi - Ġenerali*

Jekk Applikant jistqarr Dritt Preċedenti għal isem fuq il-bażi ta' titlu distintiv ta' xogħolijiet litterarji u artsitiċi protetti, protetti taħt liġi ta' wieħed mill-Istati Membri elenkati fl-Anness 1 bħala Stat Membru li jipproteġi titli distintivi ta' xogħolijiet litterarji u artistiċi protetti, ikun biżżejjed li turi l-eżistenza ta' dan id-Dritt Preċedenti skond it-Taqsima 18(2) ta' dan.

2. *EVIDENZA DOKUMENTARJA GĦAL TITLI DISTINTIVI TA' XOGĦOLIJIET LITTERARJI U ARTISTIĊI PROTETTI*

Sakemm ma jkunx provdut mod ieħor fl-Anness 1 ta' dan, huwa suffiċjenti li tissottometti l-Evidenza Dokumentarja segwenti għal titlu distintiv ta' xogħol litterarju u artistiku imsemmi fit-Taqsima 18(1):

(i) kopja tal-koperta jew l-immaġni tax-xogħol litterarju u artistiku li fih titolu kkonċernat (flimkien ma' deskrizzjoni fil-qosor ta' (a) ix-xogħol, jew (b) il-kontenut tax-xogħol, ritratt tax-xogħol, eċċ), u
(ii) affidavit iffirmat minn awtorità kompetenti, prattikant legali jew rappreżentant professjonali li qed jgħid li l-Applikant huwa d-detentur tad-drittijiet mistqarra ta' l-imsemmi titlu fid-data ta' l-Applikazzjoni, li x-xogħol imsemmia sar pubbliku b'mod legali u li t-titlu huwa wieħed distintiv

fejn din l-Evidenza Dokumentarja għandha tindika b'mod ċar li l-Applikant huwa d-detentur tat-titlu distintiv tax-xogħol litterarju u artistiku.

## *Taqsima 19. Isem sħiħ li għalih jeżisti Dritt Preċedenti*

1. Kif hemm imsemmi fl-Artikolu 10(2) tar-Regoli tal-Politika Pubblika, reġistrazzjoni ta' Isem ta' *Domain* fuq il-bażi ta' Dritt Preċedenti jikkonsisti f'reġistrazzjoni ta' l-isem sħiħ li għalih jeżisti Dritt Preċedenti, kif manifest mill-Evidenza Dokumentarja. Mhux possibbli li Applikant jakkwista reġistrazzjoni ta' Isem ta' *Domain* li jifforma parti mill-isem sħiħ li għalih jeżisti d-Dritt Preċedenti.

2. Evidenza Dokumentarja għandha turi b'mod ċar l-isem li għaliha qed jkun mistqarr Dritt Preċedenti. Stqarrija ta' Dritt Preċedenti għal isem inkluż fil-figurattiv jew sinjali komposti (sinjali jinkludu ismijiet, tagħmir, ritratti, *logos*, eċċ.) għandhom ikunu aċċettati biss jekk

    (i) is-sinjal fih isem esklusivament, jew

    (ii) l-element tal-kelma huwa predominanti, u jista' jinfired b'mod ċar jew distint mill-element tat-tagħmir,

    basta illi

    (a) il-karattri alfanumeriċi kollha (inklużi ħajfins, jekk ikun hemm) inlużi fis-sinjal jinstabu fl-Isem tad-*Domain* li qed japplika għalihm fl-istess ordni li fih jidhru fis-sinjal, u

    (b) l-impressjoni ġenerali ta' l-isem jidher, mingħajr il-possibiltà raġenevoli li l-karattri jinqraw ħażin li jifformaw parti mis-sinjal jew l-ordni li fih jidhru l-karattri.

3. Għal *trade marks,* ir-referenzi "TM", "SM", "®" u oħrajn simili ma jifformawx parti mill-isem sħiħ li għalih jeżisti d-Dritt Preċedenti relevanti.

4. Għal ismijiet kummerċjali, ismijiet ta' kumpanniji u identifikaturi ta' negozju, it-tip tal-kumpannija (bħal, iżda mhux limitat għal, "SA", "GmbH", "Ltd.", or "LLP") jistgħu ikunu ommessi mill-isem sħiħ li għalih jeżisti d-Dritt Preċedenti.

5. Jekk Applikant jistqarr Dritt Preċedenti għal isem li jinkludi l-ogħla livell ta' *domain* (bħal, iżda mhux limitat għal, com, .net or .eu), l-isem sħiħ li għalih jeżisti d-Dritt Preċedenti jinkludi dak is-suffiss tad-*domain*.

6. Għal ismijiet f'kitba differenti minn kitba Latina standard, l-Applikazzjoni għandha tipprovdi it-trasliterazzjoni fil-kitba standard Latina ta' l-isem li għaliha qed jinstqarr Dritt Preċedenti. It-trasliterazzjoni għandha ssir skond l-istandards ġeneralment aċċettati tat-trasliterazzjoni. L-ebda trasliterazzjoni ta' kitba li ma tintużax ġeneralment f'lingwa uffiċċjali ta' l-Unjoni Ewropea ma għandha tkun aċċettata.

### *Taqsima 20. Liċenzji, Trasferimenti u Bdil fir-rigward l-Applikant*

20.1 Jekk Applikant akkwista liċenzja ta' *trade mark* reġistrata imsemmija fit-Taqsima 13(1)(i) 'l fuq f'rispett ta' liema jitlob Dritt Preċedenti, għandu jipprovdi flimkien ma' l-Evidenza Dokumentarja formolla ta' għarfien u dikjarazzjoni, eżempju ta' liema huwa provdut fl-Anness 2 ta' dan, mimlija kif jixraq u iffirmata kemm minn min qed jagħti l-liċenzja tat-*trade mark* reġistrata relevanti u kif ukoll mill-Applikant (bħala liċenzjat). Jekk l-Applikant huwa sub-liċenzjat, għandu jinkludi formolla ta' għarfien u dikjarazzjoni oħra mimlija kif jixraq u iffirmata mis-sid aħħari tat-*trade mark* reġistrat kkonċernat u l-liċenzjat ta' dan ta' l-aħħar.

20.2 Jekk Applikant huwa dak li qed jirċievi Dritt Preċedenti u l-Evidenza Dokumentarja sottomessa ma tindikax b'mod ċar li d-Dritt Preċedenti mistqarr kien trasferit lill-Applikant, għandu jissottometti formolla ta' għarfien u dikjarazzjoni, eżempju ta' liema jinstab fl-Anness 3 ta' dan, mimlija kif jixraq u ffirmata kemm minn min qed jisttrasferixxi d-Dritt Preċedenti kif ukoll mill-Applikant (bħala min qed jirċievi).

20.3 Jekk, għal xi raġunijiet barra minn dawk imsemmija fit-Taqsima 20(1) u 20(2) ta' dan, l-Evidenza Dokumentarja provduta ma tindikax l-isem ta' l-Applikant b'mod ċar bħala d-detentur ta' l-imsemmi Dritt Preċedenti mistqarr (per eżempju minħabba li l-Applikant kien soġġett għal bdil fl-isem, merger, id-Dritt Preċedenti kien soġġett għal *de* trasferiment, eċċ.), l-Applikant irid jissottometti dokumenti uffiċċjali ji juru li huwa l-istess persuna bħala jew is-suċċessur legali tal-persuna indikata fl-Evidenza Dokumentarja bħala d-detentur tad-Dritt Preċedenti.

# KAPITLU VI EŻAMINAZZJONI TA' STQARRIJI TA' DRITTIJIET PREĊEDENTI, EVIDENZA DOKUMENTARJA U DEĊIŻJONIJIET MIR-REĠISTRU

## *Taqsima 21. Eżaminazzjoni mill-Aġent tal-Validazzjoni*

1. Fuq l-istruzzjonijiet tar-Reġistru, l-Aġent tal-Validazzjoni maħtur mir-Reġistru għandu jivverifika:
   (i) jekk ir-rekweżiti uffiċċjali mfassla fit-Taqsima 8 ġew imħarsa; u
   (ii) jekk ir-rekweżit ta' l-eżistenza ta' Dritt Preċedenti fuq l-isem mistqarr mill-Applikant fl-Applikazzjoni ntlaħqetx.

   L-Aġent tal-Validazzjoni u r-Reġistru ma għandhomx ikunu obbligati li jinnotifikaw lill-Applikant fejn ir-rekweżiti ta' hawn fuq ma ġewx imħarsa.

2. L-Aġent tal-Validazzjoni jeżamina jekk l-Applikant għandu Dritt Preċedenti ta' l-isem esklusivament fuq il-bażi ta' revista *prima facie* ta' l-ewwel sett ta' Evidenza Dokumentarja rċevuta u skenjata mill-Aġent ta' l-Ipproċċessar (inkluż l-Evidenza Dokumentarja li jkun rċieva elettronikament, fejn japplika) u skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-Regoli *Sunrise.*

3. L-Aġent tal-Validazzjoni mhux obbligat, iżda huwa permess fid-diskrezzjoni unika tiegħu li jwettaq l-investigazzjonijiet tiegħu stess fiċ-ċirkostanzi ta' l-Applikazzjoni, id-Dritt Preċedenti mistqarr u l-Evidenza Dokumentarja prodotta.

## *Taqsima 22. Deċiżjoni tar-Reġistru*

1. L-Aġent tal-Validazzjoni jinforma lir-Reġistru bis-sejbiet tiegħu u skond l-Artikolu 14 tar-Regoli tal-Politika Pubblika u f'manjiera miftehma bejniethom.

2. Ir-Reġistru jirreġistra l-Ismijiet ta' *Domain* fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel fejn issib li l-Applikant wera Dritt Preċedenti skond it-Taqsima 2 ta' dan.

   Waqt il-perjodu ta' erbgħin (40) jum tal-kalendarju wara d-deċiżjoni mir-Reġistru li jirreġistra l-Isem ta' *Domain* kkonċernat (magħruf bħala l-"Perjodu ta' Appell *Sunrise*" fir-Regoli ta' Riżoluzzjoni ta' Tilwim), kull parti interessata tista' tibda Proċedura RTA kontra d-deċiżjoni tar-Reġistru fuq il-bażi ta' nuqqas ta' ħarsien tar-Regolamenti f'dik id-deċiżjoni .

   Ir-Reġistru jattiva l-Isem ta' *Domain* biss fil-ġurnata ta' wara li jiskadi l-perjodu ta' l-erbgħin (40) jum basta li ebda Proċedura RTA ma tkun

nbdiet kontra d-deċiżjoni tar-Reġistru waqt il-perjodu ta' erbgħin (40) jum.

3. Mingħajr preġudizzju tad-disposizzjonijiet dwar trasferimenti ta' Ismijiet ta' *Domain* jew il-bdil tar-Reġistratur kif imfassal fir-Regoli,

    (a) trasferiment ta' Isem ta' *Domain* lil terz, ħlief għall-eċċezzjoni ta' trasferimenti provduti għalihom fl-Artikolu 19 tar-Regoli tal-Politika Pubblika, u
    (b) bdil tar-Reġistratur

    jistgħu jseħħu biss wara l-attivazzjoni ta' l-Isem tad-*Domain* ikkonċernat.

4. Id-Deċiżjoni mir-Reġistru biex tirreġistra Isem ta' *Domain* fl-isem ta' Applikant ma għandu l-ebda valur bħala preċedent fl-ebda proċeduri ta' riżoluzzjoni ta' disgwit f'kuntest ġudizzjarju jew non-ġudizzjarju, inkluż Proċedura RTA fuq il-bażi ta' reġistrazzjoni spekulattiv jew abusiv.

### *Taqsima 23. Tmiem tal-Proċess tal-Validazzjoni; Proċeduri RTA Pendenti*

1. Jekk ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni finali għal Isem ta' *Domain* f'rispett ta' Applikazzjoni ma daħal fis-seħħ sa' l-1 ta' Mejju 2007 (jew data oħra li r-Reġistru jista' jikkomunika fuq is-sit ta' l-internet tiegħu), ir-Reġistru jista' jirrikjedi li l-Aġenti tal-Validazzjoni u l-Punti tal-Validazzjoni tal-Gvern biex jivvalidaw l-Applikazzjonijiet għal Ismijiet ta' *Domain* pendenti kollha li għalihom ma tkun daħlet fis-seħħ ebda deċiżjoni. F'dan il-każ, ir-Reġistru għandu jirrikjedi permezz ta' l-e-mail lill-Applikanti relevanti biex jawtorrizzaw il-validazzjoni mid-Dritt(ijiet) Preċedenti mistqarra mill-Aġent tal-Validazzjoni jew il-Punt tal-Validazzjoni tal-Gvern.

2. Jekk l-Applikant ma jawtorrizzax il-validazzjoni tad-Dritt(ijiet) Preċedenti mistwarra f'perjodu ta' xahar wara r-rikjesta imsemmija fit-Taqsima 23(1), ir-Reġistru huwa intitolat biex jirriġetta l-Applikazzjoni.

## KAPITLU VII MIXXELLANJI

### *Taqsima 24. Modifiki, Linji Gwida, Enforzabbiltà*

1. Ir-Reġistru jista' joħroġ fuq is-sit ta' l-internet tiegħu linji gwida għall-interpretazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-Regoli *Sunrise*. Ir-Reġistru jista jimmodifika l-Annessi ta' dawn ir-Regoli *Sunrise* minn żmien għal żmien, liema modifiki għandhom iseħħu fiż-żmien li huma ppubblikati fuq is-sit ta' l-internet tar-Reġistru.

2. Jekk xi parti minn dawn ir-Regoli *Sunrise* jiġi ddikkajrat invalidu jew mhux enforzabbli għal xi raġuni jew oħra, il-kumplament ta' dawn ir-Regoli *Sunrise* għandhom ikunu validi u enforzabbli bħal li kieku l-parti invalida jew mhux enforzabbli ma kienx inkluż f'dan.

   Għandu jkun hemm sostituzzjoni ta' kull disposizzjoni invalida jew mhux enforzabbli b'disposizzjoni adegwata li, sa kemm hu legalment possibbli, jilħaq l-istess sens u skop ta' dawn ir-Regoli *Sunrise,* waqt li jittieħed akkont tar-Regoli l-oħrajn kollha.

## *Taqsima 25. Limitazzjoni ta' Responsabbilità*

1. Sa kemm hu pemess taħt liġi mandatorja, ir-Reġistru għandu jkun responsabbli biss fejn tkun provata n-negliġenza grossalana jew kondotta intenzjonali ħażina tar-Reġistru. Fl-ebda każ ma għandu jinżamm responsabbli r-Reġistru għal danni konsegwenzjali jew inċidentali jew telf ta' profitti jekk humiex kontrattwali, bbażati fuq tort (inkluż negliġenza) jew li jirriżultaw b'xi mod ieħor li jirriżultaw minn jew relatat mar-reġistrazzjoni jew l-użu ta' l-Isem ta' *Domain* jew ma' l-użu tas-softwer jew is-sit ta' l-internt tiegħu, anke jekk kien avżat bil-possibiltà ta' dan it-telf jew danni, inklużi iżda mhux limitati għal deċiżjonijiet tar-Reġistru biex jirreġistra jew ma jirreġistrax Isem ta' *Domain* fuq il-bażi tas-sejbiet ta' l-Aġent(i) tal-Validazzjoni u l-Punt(i) tal-Validazzjoni tal-Gvern, kif ukoll l-konsegwenzi ta' dawk id-deċiżjonijiet.

   Sa kemm hu permess taħt liġi mandatorja, ir-responsabbiltà tar-Reġistru għal danni għandu jkun limitat f'kull każ għal EUR 1,000 (elf euro). L-Applikant jaqbel li l-ebda dannu akbar jew ieħor ma jista' jintalab mir-Reġistru (bħal per eżempju, iżda mhux limitat għal, xi spejjeż pagabbli jew mħallsa mill-Applikant jew mill-Kwerelant fil-kuntest ta' proċeduri ġudizzjarji jew mhux ġudizzjarji mibdija kontra deċiżjoni tar-Reġistru biex jirreġistra jew ma jirreġistrax Isem ta' *Domain*).

2. L-Applikant għandu jżomm lir-Reġistru bla ħtija minn talbiet jew disgwit mibdija minn terzi, u għandu jikkumpensa lir-Reġistru ta' kull spiża jew spejjeż li ntefqu jew danni għal liema jista' jinżamm responsabbli bħala riżultat ta' terzi li jieħdu azzjoni kontrih fuq bażi li Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni jew użu ta' Isem ta' *Domain* mill-Applikant jikser id-drittijiet tat-terz.

   Għall-iskopijiet ta' din it-Taqsima, il-kelma "Reġistru" jirreferi ukoll għall-membri tagħha u s-sottokuntratturi tagħha, inkluż l-Aġent ta' l-Ipproċċessar, l-Aġenti tal-Validazzjoni u l-Punti tal-Validazzjoni tal-Gvern, u kull wieħed mid-diretturi, mill-aġenti u mill-impjegati rispettivi tagħhom.

# KAPITLU VIII PROĊEDURI RTA

## *Taqsima 26. Bidu ta' Proċeduri RTA*

1. Waqt il-Perjodu ta' l-Appell *Sunrise,* peress li huwa il-perjodu ta' erbgħin (40) jum tal-kalendarju ta' wara d-deċiżjoni tar-Reġistru biex jirreġistra jew ma jirreġistrax Isem ta' *Domain,* l-Applikant jew kull parti oħra interessata jistgħu jibdew Proċedura RTA (kif hemm definit fir-Regoli ta' Riżoluzzjoni ta' Tilwim .eu) kontra r-Reġistru b'rigward dik id-deċiżjoni.

2. L-uniku għan u raġuni tal-Proċedura RTA kontra r-Reġistru huwa biex tivverifika jekk id-deċiżjoni relevanti mir-Reġistru huwiex f'kunflitt mar-Regolamenti.

   Jekk iżjed minn Proċedura RTA waħda tinbeda kontra r-Reġistru rigward l-istess deċiżjoni biex jirreġistra jew ma jirreġistrax Isem ta' *Domain*, l-Proċedura RTA bl-iktar data tal-bidu kmieni, kif hemm difenit fir-Regoli tar-Riżoluzzjoni ta' Tilwim .eu, għandha tkun attivata, kif hemm difenit fir-Regoli tar-Riżoluzzjoni ta' Tilwim .eu.

3. Min qed Jipprovdi jista' jirrikjedi lir-Reġistru biex jikxef l-Evidenza Dokumentarja.

## *Taqsima 27. Proċeduri RTA Kontra d-Deċiżjoni tar-Reġistru*

1. Jekk il-Proċedura RTA tikkonċera deċiżjoni mir-Reġistru biex jirreġistra Isem ta' *Domain* u l-Pannel jew il-Persuni fuq il-Pannel (kif hemm deginit mir-Regoli tar-Riżoluzzjoni ta' Tilwim .eu) appuntat minn min qed Jipprovdi jikkonkludi li d-deċiżjoni in kwistjoni ma huwiex f'kunflitt mar-Regolamenti, ir-Reġistru għandu immedjatament jattiva l-Isem ta' *Domain* mal-komunikazzjoni tad-deċiżjoni minn min qed Jipprovdi.

   Jekk il-Proċedura RTA jikkonċerna deċiżjoni mir-Reġistru biex jirreġistra Isem ta' *Domain* u l-Pannel jew Persuna fuq il-Pannel appuntat minn min qed Jipprovdi jikkonkludi li d-deċiżjoni hija f'kunflitt mar-Regolamenti, f'dak il-każ mal-kommunikazzjoni tad-deċiżjoni ta' min qed Jipprovdi, ir-Reġistru għandu jiddeċiedi jekk jirreġistrax l-Isem ta' *Domain* kkonċernat fl-isem ta' l-Applikant li jmiss fl-elenku għall-Isem ta' *Domain* ikkonċernat, skond il-proċedura mfassla f'dawn ir-Regoli *Sunrise.*

   Jekk Proċedura RTA tikkonċerna deċiżjoni tar-Reġistru biex ma jirreġistrax Isem ta' *Domain* u l-Pannel jew Persuna fuq il-Pannel appuntata minn min qed Jipprovdi jikkonkludi li d-deċiżjoni hija f'kunflitt mar-Regolamenti, f'dak il-każ, mal-kommunikazzjoni tad-deċiżjoni ta'

min qed Jipprovdi, ir-Reġistru għandu jirreġistra l-Isem ta' *Domain* fl-isem ta' l-Applikant u għandu jattiva l-Isem ta' *Domain* immedjatament.

Jekk il-Proċedura RTA tikkonċerna deċiżjoni tar-Reġistru biex ma jirreġistrax Isem ta' *Domain* u l-Pannel jew Persuna fuq il-Pannel appuntat minn min qed Jipprovdi jikkonkludi li d-deċiżjoni mhux f'kunflitt mar-Regolamenti, f'dak il-każ il-Pannel jew il-Persuna fuq il-Pannel għandu jiriġetta l-Ilment.

2. Deċiżjoni tar-Reġistru biex jirreġistra jew ma jirreġistrax Isem ta' *Domain* jista' jkun soġġett għal Proċedura RTA waħda attivata kontra r-Reġistru. Dan ma jeskludix lil terzi milli jibdew Proċedura RTA fuq il-bażi ta' reġistrazzjoni spekulattiv jew abużiv ta' Isem ta' *Domain* wara l-Perjodu ta' l-Appell *Sunrise* jew wara li l-Proċedura RTA kontra r-Reġistru rriżulta f'attivazzjoni ta' Isem ta' *Domain,* skond ir-Regoli ta' Riżoluzzjoni ta' Tilwim .eu.

Anness 1

Mistenni li jkun ppubblikat sas-6 ta' Ottubbru

Anness 2

Mistenni li jkun ppubblikat sas-6 ta' Ottubbru

Anness 3

Mistenni li jkun ppubblikat sas-6 ta' Ottubbru